**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0393/2023 }**
**B9-0397/2023 }**
**B9-0400/2023 }**
**B9-0402/2023 }**
**B9-0404/2023 }**
**B9-0405/2023 } RC1**

4.10.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0393/2023 (The Left)
B9-0397/2023 (S&D)
B9-0400/2023 (Verts/ALE)
B9-0402/2023 (Renew)
B9-0404/2023 (ECR)
B9-0405/2023 (PPE)

dwar is-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh wara l-attakk mill-Ażerbajġan u t-theddid kontinwu kontra l-Armenja
(2023/2879(RSP))

**Željana Zovko, Andrey Kovatchev, Michael Gahler, Rasa Juknevičienė, David McAllister, Paulo Rangel, Andrius Kubilius, Isabel Wiseler-Lima, François-Xavier Bellamy, Vladimír Bilčík, Loucas Fourlas, Anja Haga, Andrzej Halicki, Sandra Kalniete, David Lega, Miriam Lexmann, Sven**

**Simon, Michaela Šojdrová, Tom Vandenkendelaere, Tomáš Zdechovský**
f'isem il-Grupp PPE
**Pedro Marques, Tonino Picula, Marina Kaljurand, Isabel Santos, Sylvie Guillaume, Evin Incir**
f'isem il-Grupp S&D
**Nathalie Loiseau, Abir Al-Sahlani, Petras Auštrevičius, Nicola Beer, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Moritz Körner, Karen Melchior, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Marie-Pierre Vedrenne, Hilde Vautmans, Salima Yenbou**
f'isem il-Grupp Renew
**Markéta Gregorová, François Alfonsi, Mounir Satouri**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Angel Dzhambazki, Charlie Weimers, Assita Kanko, Witold Jan Waszczykowski, Anna Zalewska, Adam Bielan, Elżbieta Kruk, Joachim Stanisław Brudziński, Beata Kempa, Bert-Jan Ruissen**
f'isem il-Grupp ECR
**Idoia Villanueva Ruiz**
f'isem il-Grupp The Left
**Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh wara l-attakk mill-Ażerbajġan u t-theddid kontinwu kontra l-Armenja (2023/2879(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet reċenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh, fl-Ażerbajġan u fl-Armenja, b'mod partikolari dawk tad-19 ta' Jannar 2023 dwar il-konsegwenzi umanitarji tal-imblokk fin-Nagorno-Karabakh[1], tal-10 ta' Marzu 2022 dwar il-qerda tal-wirt kulturali fin-Nagorno-Karabakh[2], u tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-priġunieri tal-gwerra wara l-kunflitt l-aktar reċenti bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan[3],

– wara li kkunsidra d-dokumenti rilevanti u l-ftehimiet internazzjonali, li jinkludu iżda li mhumiex limitati għall-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Att finali ta' Ħelsinki tal-1 ta' Awwissu 1975 u d-Dikjarazzjoni ta' Alma-Ata tal-21 ta' Diċembru 1991,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali, il-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra u l-protokolli sussegwenti tagħhom, l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali u Naturali Dinji tas-16 ta' Novembru 1972, u d-Dikjarazzjoni tal-UNESCO dwar il-Qerda Intenzjonali tal-Wirt Kulturali tas-17 ta' Ottubru 2003,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Bażiċi tal-2009 tal-Grupp ta' Minsk tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni trilaterali tad-9 ta' Novembru 2020 iffirmat bejn il-mexxejja tar-Russja, tal-Armenja u tal-Ażerbajġan,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta, tad-19 ta' Settembru 2023, tal-President tal-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Barranin, tal-President tad-Delegazzjoni tiegħu għar-relazzjonijiet mal-Kawkasu tan-Nofsinhar u tar-Rapporteurs Permanenti tiegħu għall-Armenja u l-Ażerbajġan, dwar l-attakk mill-Ażerbajġan fuq in-Nagorno-Karabakh,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' Settembru 2023 dwar l-eskalazzjoni militari tal-Ażerbajġan u tal-21 ta' Settembru 2023 dwar l-iżviluppi fin-Nagorno-Karabakh u d-diskors tar-Rappreżentant Għoli tal-21 ta' Settembru 2023 lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nagorno-Karabakh,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni

[1] ĠU C 214, 16.6.2023, p. 104.
[2] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 198.
[3] ĠU C 15, 12.1.2022, p. 156.

Esterna (SEAE) tad-29 ta' Settembru 2023 dwar l-ispostament tal-persuni min-Nagorno-Karabakh,

– wara li kkunsidra l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres tad-19 ta' Settembru 2023 għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet u l-kumment tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Volker Türk tas-26 ta' Settembru 2023,

– wara li kkunsidra d-digrieti tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tat-22 ta' Frar 2023 u tas-6 ta' Lulju 2023 dwar it-talba għall-indikazzjoni ta' miżuri provviżorji għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (*l-Armenja vs l-Ażerbajġan*),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1954 għall-Ħarsien tal-Beni Kulturali f'Każ ta' Kunflitt, li l-Armenja u l-Ażerbajġan huma partijiet għaliha, għall-ewwel protokoll tagħha, kif applikabbli għat-territorji okkupati, u għat-tieni protokoll tagħha, dwar il-protezzjoni msaħħa tal-proprjetà kulturali,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-11 ta' Novembru 2021 tal-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE li tenniet l-importanza tal-protezzjoni tas-siti storiċi u kulturali fir-reġjun,

– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kummissjoni ta' Esperti stabbilita skont ir-Riżoluzzjoni 780 (1992) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,

– wara li kkunsidra r-rapport tad-29 ta' Marzu 2023 mill-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza dwar l-Ażerbajġan tal-Kunsill tal-Ewropa u l-memorandum tal-21 ta' Ottubru 2021 mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-konsegwenzi umanitarji u għad-drittijiet tal-bniedem wara li fl-2020 faqqgħu ostilitajiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan fir-rigward tan-Nagorno-Karabakh,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh għandu diversi kumplessitajiet storiċi u ġeopolitiċi; billi fid-19 ta' Settembru 2023 l-Ażerbajġan nieda attakk militari ppjanat minn qabel u mhux iġġustifikat kontra n-Nagorno-Karabakh, li wassal għal telf sinifikanti ta' ħajjiet; billi fl-20 ta' Settembru 2023 intlaħaq qbil dwar waqfien mill-ġlied, iżda s-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-popolazzjoni ċivili li baqgħet fin-Nagorno-Karabakh mhijiex iggarantita; billi hemm rapporti li mijiet ta' ċivili Armeni nqatlu u ġew midruba matul l-operazzjoni militari tal-Ażerbajġan kontra n-Nagorno-Karabakh; billi hemm rapporti li xi nies huma neqsin; billi fil-ftehim ta' waqfien mill-ġlied mal-Ażerbajġan, l-awtoritajiet *de facto* tan-Nagorno-Karabakh qablu li jżarmaw l-istituzzjonijiet ċivili tagħhom kif ukoll li jiddiżarmaw il-forzi ta' awtodifiża, iċedu l-armi kollha u jirtiraw mill-pożizzjonijiet tal-ġlied u mill-postijiet militari kollha; billi, madankollu, kien hemm rapporti ripetuti dwar ksur tal-waqfien mill-ġlied;

B. billi dan l-attakk jirrappreżenta ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali, u ksur ċar tad-dikjarazzjoni ta' waqfien mill-ġlied trilaterali tad-9 ta'

Novembru 2020 u tal-impenji li l-Ażerbajġan għamel fin-negozjati medjati mill-UE; billi fit-22 ta' Mejju 2023, Nikol Pashinyan, il-Prim Ministru tal-Armenja esprima r-rieda ta' pajjiżu li jirrikonoxxi l-integrità territorjali tal-Ażerbajġan, inkluż in-Nagorno-Karabakh, bi skambju għal garanziji ta' sigurtà għall-popolazzjoni Armena tar-reġjun, bħala parti mill-proċess ta' paċi bejn iż-żewġ pajjiżi;

C. billi aktar minn 100 000 Armen min-Nagorno-Karabakh ġew imġiegħla jaħarbu lejn l-Armenja minn mindu seħħet l-offensiva mill-Ażerbajġan fid-19 ta' Settembru 2023; billi b'riżultat ta' dan, in-Nagorno-Karabakh ġie mċaħħad kważi għalkollox mill-popolazzjoni Armena tiegħu, li ilhom jgħixu hemm għal sekli sħaħ; billi l-Gvern tal-Ażerbajġan iddikjara li se jiggarantixxi d-drittijiet tal-popolazzjoni ċivili, inklużi d-drittijiet edukattivi, kulturali, reliġjużi u elettorali muniċipali; billi l-wegħdiet tal-Ażerbajġan li jirrispetta d-drittijiet tal-popolazzjoni lokali ma tqisux kredibbli mill-abitanti Armeni tan-Nagorna-Karabakh, li jibżgħu minn rappreżalji jew li jitilfu l-libertà li jużaw il-lingwa tagħhom u li jipprattikaw ir-reliġjon u d-drawwiet tagħhom; billi kien hemm rapporti kredibbli ta' sakkeġġ, qerda, vjolenza u arresti li twettqu mit-truppi tal-Ażerbajġan sa mill-bidu tal-offensiva; billi l-Ażerbajġan ilu mid-19 ta' Settembru 2023 jarresta diversi uffiċjali u eks uffiċjali min-Nagorno-Karabakh;

D. billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jiddeskrivi t-tindif etniku bħala l-fatt li żona ssir etnikament omoġenja bl-użu tal-forza jew l-intimidazzjoni biex persuni ta' grupp etniku jew reliġjuż ieħor jitneħħew minn żona partikolari, u dan jikser id-dritt internazzjonali; billi hemm bżonn urġenti li jitwaqqaf u jitreġġa' lura l-eżodu furzat li għaddej bħalissa tal-popolazzjoni lokali Armena, li huwa ekwivalenti għal tindif etniku, u li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għar-ritorn sikur tagħhom lejn in-Nagorno-Karabakh; billi l-Armeni tan-Nagorno-Karabakh għandhom id-dritt li jgħixu fi djarhom b'dinjità u sigurtà; billi l-awtoritajiet tal-Ażerbajġan ħabbru r-reġistrazzjoni tar-residenti Armeni kollha tan-Nagorno-Karabakh;

E. billi kemm l-Ażerbajġan kif ukoll l-Armenja huma marbuta bid-dritt umanitarju internazzjonali; billi t-Tielet Konvenzjoni ta' Ġinevra tipproteġi lill-priġunieri tal-gwerra minn kull forma ta' tortura u trattament krudili; billi tali atti mwettqa matul kunflitt armat jikkostitwixxu delitti tal-gwerra; billi r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra tipproteġi liċ-ċivili f'kunflitti armati internazzjonali u tistabbilixxi li l-konfinament illegali, il-qtil intenzjonat u t-trattament inuman u degradanti ta' persuna protetta jikkostitwixxu delitti tal-gwerra;

F. billi din l-aggressjoni militari kienet ippreċeduta mill-imblokk li dam disa' xhur, impost mill-Ażerbajġan fit-12 ta' Diċembru 2022, tal-kuritur ta' Lachin, l-uniku kuritur fuq l-art li jgħaqqad ir-reġjun tan-Nagorno-Karabakh, abitat l-aktar minn Armeni, mal-Armenja, u dan ċaħħad lil aktar minn 100 000 Armen tan-Nagorno-Karabakh mil-libertà ta' moviment u aċċess għall-ikel, mediċini, prodotti tal-iġjene u oġġetti oħra, kif ukoll mill-ħolqien ta' punt ta' kontroll fl-istess kuritur f'April 2023 bi ksur tad-dikjarazzjoni trilaterali ta' Novembru 2020, minn żieda fil-preżenza militari madwar in-Nagorno-Karabakh u tul il-fruntiera mal-Armenja, kif ukoll minn retorika aggressiva u xewwiexa min-naħa tal-mexxejja tal-Ażerbajġan;

G. billi abbażi tad-dikjarazzjoni trilaterali tad-9 ta' Novembru 2020, li temmet il-gwerra ta' 44 jum, il-kuritur ta' Lachin kellu jibqa' taħt il-kontroll tal-forzi għaż-żamma tal-paċi Russi, filwaqt li l-Ażerbajġan kellu jiggarantixxi s-sigurtà tal-persuni, tal-vetturi u tal-merkanzija li jimxu tul il-kuritur ta' Lachin fiż-żewġ direzzjonijiet; billi l-hekk imsejħa forzi taż-żamma tal-paċi Russi ma aġixxewx skont il-mandat tagħhom, u ma ħadu ebda azzjoni, la kontra l-imblokk tal-kuritur ta' Lachin min-naħa tal-Ażerbajġan, jew meta ġie stabbilit il-punt ta' kontroll, u lanqas kontra l-aggressjoni militari l-aktar reċenti min-naħa tal-Ażerbajġan; billi bis-sostenn tiegħu għall-imblokk tal-kuritur ta' Lachin, l-Ażerbajġan kiser l-obbligi internazzjonali tiegħu skont id-dikjarazzjoni trilaterali ta' waqfien mill-ġlied ta' Novembru 2020;

H. billi dawn is-sitwazzjonijiet ta' ġuħ u iżolament organizzati li damu aktar minn disa' xhur affettwaw b'mod partikolari lill-gruppi vulnerabbli fin-Nagorno-Karabakh, bħat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà u b'kundizzjonijiet tas-saħħa kroniċi; billi dan wassal, fost affarijiet oħra, għal żieda fil-korrimenti u fit-twelid qabel iż-żmien minħabba l-fatt li n-nisa tqal ma għandhomx aċċess għal nutrizzjoni xierqa u għal kura ta' qabel it-twelid; billi l-Ażerbajġan qata' wkoll il-provvista tal-gass u tal-elettriku tar-reġjun, u dan ħalla impatt sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-reġjun, inkluż il-funzjonament tal-istituzzjonijiet mediċi u edukattivi; billi, minħabba l-imblokk, l-istituzzjonijiet mediċi fin-Nagorno-Karabakh ma kellhomx biżżejjed kapaċità biex jieħdu ħsieb il-persuni midruba mill-attakk tal-Ażerbajġan;

I. billi fid-Digriet tagħha tat-22 ta' Frar 2023, *Armenia* vs *Ażerbajġan*, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ordnat lill-Ażerbajġan jippermetti passaġġ liberu mill-kuritur ta' Lachin u jieħu l-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jiżgura l-moviment mingħajr xkiel ta' persuni, vetturi u merkanzija tul il-kuritur ta' Lachin fiż-żewġ direzzjonijiet;

J. billi fit-28 ta' Settembru 2023 il-president *de facto* tan-Nagorno-Karabakh, Samvel Shahramanyan, kien imġiegħel jiffirma digriet li jxolji l-istrutturi u l-istituzzjonijiet kollha tar-repubblika awtoproklamata mill-1 ta' Jannar 2024, u r-Repubblika awtoproklamata tan-Nagorno-Karabakh ma baqgħetx teżisti;

K. billi l-UE pprovdiet EUR 5 miljun lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar f'għajnuna umanitarja; billi l-fondi se jgħinu lill-persuni spostati min-Nagorno-Karabakh lejn l-Armenja u se jgħinu lill-persuni vulnerabbli fin-Nagorno-Karabakh; billi l-Gvern tal-Armenja talab lill-UE għall-assistenza biex tgħin bil-għan li jiġi indirizzat l-influss ta' rifuġjati li jaslu min-Nagorno-Karabakh;

L. billi l-President tal-Kunsill Ewropew Charles Michel stabbilixxa waħda mit-tliet fergħat ta' negozjati ta' paċi bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan u għandu jospita l-laqgħa ta' livell għoli li jmiss maż-żewġ mexxejja fil-5 ta' Ottubru 2023 fi Granada, fil-marġini tal-Komunità Politika Ewropea;

M. billi bosta knejjes, moskej, slaleb tal-ġebel u ċimiterji jinsabu fin-Nagorno-Karabakh; billi wara li l-Ażerbajġan ikkawża ħsara intenzjonata kunsiderevoli lill-wirt kulturali Armen matul il-gwerra tal-2020, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja indikat, fid-

Digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru 2021[4], li l-Ażerbajġan jeħtieġlu "jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjeni u jikkastiga atti ta' vandaliżmu u profanazzjoni li jaffettwaw il-wirt kulturali Armen, inklużi iżda mhux limitati għal knejjes u postijiet oħra ta' qima, monumenti, għeliem, ċimiterji u artefatti";

N. billi stati oħra, bħat-Turkija, ipprovdew appoġġ politiku, diplomatiku u militari lill-Ażerbajġan, li kompla jaggrava l-kunflitt; billi skont il-punt 9 tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied fin-Nagorno-Karabakh tal-2020, l-Armenja kellha tiggarantixxi s-sigurtà tal-konnessjonijiet tat-trasport bejn l-Ażerbajġan kontinentali u ż-żona tiegħu barra l-pajjiż Nakhchivan, li ġew promossi mill-Ażerbajġan u mit-Turkija bħala l-"kuritur Zangezur" u li ntużaw retorikament minn uffiċjali taż-żewġ pajjiżi b'modi li jheddu s-sovranità tal-Armenja;

O. billi f'dawn l-aħħar snin it-tmexxija tal-Ażerbajġan għamlet dikjarazzjonijiet irredentisti f'diversi okkażjonijiet b'referenza għat-territorju sovran tal-Armenja; billi, f'diversi okkażjonijiet matul dawn l-aħħar sentejn, l-armata tal-Ażerbajġan okkupat diversi partijiet tat-territorju sovran tal-Armenja u bbumbardjat miri ċivili fit-territorju tal-Armenja;

P. billi t-twissijiet preċedenti mill-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni ma wasslu għall-ebda bidla sinifikanti fil-politika tal-UE fil-konfront tal-Ażerbajġan; billi tliet deċennji ta' sforzi ta' diplomazija u ta' konsolidazzjoni tal-paċi min-naħa tal-OSKE, l-UE u atturi internazzjonali oħra ma rnexxilhomx jiskoraġġixxu l-użu tal-forza militari mill-Ażerbajġan;

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-attakk militari ppjanat minn qabel u mhux ġustifikat mill-Ażerbajġan kontra l-Armeni tan-Nagorno-Karabakh u jappella sabiex tintemm immedjatament u kompletament il-vjolenza kontra l-poplu ta' dan ir-reġjun; jenfasizza li l-Ażerbajġan kien fi triq ċara biex jerġa' jistabbilixxi l-kontroll tiegħu fuq in-Nagorno-Karabakh permezz ta' negozjati diplomatiċi u li dan l-attakk jikkontradixxi l-intenzjonijiet iddikjarati tal-Ażerbajġan li jaħdem favur paċi sostenibbli mal-Armenja u jimmina n-negozjati ta' paċi li għaddejjin bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan;

2. Jisħaq li dan l-attakk jirrappreżenta ksur gravi tal-liġi internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem u ksur ċar tad-dikjarazzjoni ta' waqfien mill-ġlied trilaterali tad-9 ta' Novembru 2020 u tal-impenji li l-Ażerbajġan għamel fin-negozjati medjati mill-UE; ifakkar li l-attakk seħħ fil-kuntest ta' kriżi umanitarja maġġuri fin-Nagorno-Karabakh, wara l-imblokk mill-Ażerbajġan tal-kuritur ta' Lachin għal dawn l-aħħar disa' xhur, bi ksur tal-impenji ta' Baku u tad-digrieti legalment vinkolanti tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja; ifakkar lill-Ażerbajġan li l-użu ta' prattiki koerċittivi biex ikeċċi popolazzjoni ċivili minn territorju jista' jammonta għal delitt kontra l-umanità u jista' jaqa' fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig

[4] Id-Digriet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 2021 dwar it-talba għall-indikazzjoni ta' miżuri provviżorji għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (*Armenja* vs *Ażerbajġan*).

tad-Delitt ta' Ġenoċidju;

3. Jiddeplora t-telf ta' ħajja u l-korrimenti li jirriżultaw mill-attakk reċenti mill-Ażerbajġan, inkluż wara splużjoni f'maħżen tal-fjuwil fil-25 ta' Settembru 2023; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-Armeni tan-Nagorno-Karabakh li kienu mġiegħla jaħarbu minn djarhom u minn artijiet tal-antenati tagħhom; iqis li s-sitwazzjoni attwali tammonta għal tindif etniku u jikkundanna bil-qawwa t-theddid u l-atti ta' vjolenza mwettqa mit-truppi tal-Ażerbajġan kontra l-popolazzjoni tan-Nagorno-Karabakh; ifaħħar lill-awtoritajiet tal-Armenja għall-isforzi tagħhom biex jipprovdu għajnuna u kenn lir-rifuġjati; jappella biex l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri joffru minnufih l-assistenza kollha meħtieġa lill-Armenja biex tindirizza l-influss ta' rifuġjati min-Nagorno-Karabakh u l-kriżi umanitarja li rriżultat minnha;

4. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jadottaw sanzjonijiet immirati kontra individwi fil-Gvern tal-Ażerbajġan responsabbli għal diversi każijiet ta' ksur ta' waqfien mill-ġlied u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nagorno-Karabakh; jappella sabiex isiru investigazzjonijiet dwar l-abbużi mwettqa minn forzi tal-Ażerbajġan li jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra;

5. Ifakkar lill-Ażerbajġan li huwa jġorr ir-responsabbiltà sħiħa għas-sikurezza u l-benesseri tal-persuni kollha fin-Nagorno-Karabakh u li jrid jinżamm responsabbli; jitlob bil-ħerqa lill-Ażerbajġan biex jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-poplu fin-Nagorno-Karabakh, fir-rispett tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha, tal-prinċipji tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem, tal-impenji internazzjonali tiegħu u tal-prinċipji tal-OSKE; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jippermettu r-ritorn sikur tal-popolazzjoni tal-Armenja lejn in-Nagorno-Karabakh, biex joffru garanziji solidi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom u jżommu lura minn kwalunkwe retorika li tinstiga u li tista' xxewwex favur id-diskriminazzjoni kontra l-Armeni; ifakkar lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan li d-dritt li wieħed jirritorna f'daru huwa regola fundamentali tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jimpenjaw ruħhom b'urġenza u b'mod ġenwin fi djalogu komprensiv u trasparenti mal-Armeni tan-Nagorno-Karabakh biex jiżguraw ir-rispett għal drittijiethom u jiggarantixxu s-sigurtà tagħhom, inkluż id-dritt tagħhom li jgħixu b'mod dinjituż u sikur fi djarhom, u d-drittijiet tad-dominju ta' art u tal-proprjetà tagħhom, li jżommu l-identità distinta tagħhom u jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet ċivili, kulturali, soċjali u reliġjużi tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan jikkonsultaw mill-qrib lill-Kunsill tal-Ewropa, lin-NU, lill-OSKE u lil organizzazzjonijiet internazzjonali oħra dwar l-aħjar prattiki biex jiggarantixxu d-drittijiet tal-Armeni etniċi, filwaqt li jisħaq li dan huwa partikolarment importanti minħabba r-rekord diżastruż tal-Ażerbajġan dwar id-drittijiet tal-bniedem;

6. Jitlob li jitneħħa b'mod immedjat l-imblokk tal-kuritur ta' Lachin sabiex jiġi żgurat li tingħata għajnuna umanitarja lil dawk fil-bżonn fin-Nagorno-Karabakh u jappella sabiex il-kuritur ta' Lachin jinfetaħ kompletament, peress li jipprovdi konnessjoni fiżika għall-Armeni tan-Nagorno-Karabakh għall-art, il-proprjetà, il-kultura u l-wirt tagħhom;

iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Azerbajġan jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-Armeni li jkunu telqu jkun jista' jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa dwar kif għandhom jerġgħu jistabbilixxu r-residenza tagħhom fin-Nagorno-Karabakh u jagħmlu użu sħiħ mid-drittijiet l-oħra kollha għall-proprjetà, il-benefiċċji soċjali, l-edukazzjoni u affarijiet simili, jekk jiddeċiedu li jirritornaw;

7. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jaħdmu b'mod urġenti biex jiżguraw garanziji internazzjonali li jiżguraw is-sikurezza u l-benesseri tal-Armeni li qed ikomplu jgħixu fin-Nagorno-Karabakh u r-restawr immedjat ta' aċċess umanitarju sħiħ għar-reġjun; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-preżenza tagħhom fil-post u jżidu l-għajnuna umanitarja fil-konfront ta' persuni spostati min-Nagorno-Karabakh fl-Armenja jew li jgħixu fin-Nagorno-Karabakh; jesprimi diżappunt dwar il-mod li bih ġiet organizzata u mwettqa l-ewwel missjoni tan-NU fin-Nagorno-Karabakh fi 30 sena; jappella għall-istabbiliment ta' preżenza internazzjonali fin-Nagorno-Karabakh taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, sabiex tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni fil-post u jiġu pprovduti trasparenza, serħan il-moħħ u fiduċja lir-residenti tan-Nagorno-Karabakh, b'enfasi fuq il-ħtiġijiet umanitarji u l-protezzjoni u fuq il-preservazzjoni tas-siti ta' wirt kulturali u storiku; jappella għas-sostituzzjoni urġenti tal-forzi Russi għaż-żamma tal-paċi b'missjoni tan-NU għaż-żamma tal-paċi fin-Nagorno-Karabakh u tul il-fruntiera internazzjonali bejn l-Armenja u l-Azerbajġan, sabiex jiġu protetti b'mod effettiv is-sikurezza u s-sigurtà tal-popolazzjoni Armena tan-Nagorno-Karabakh;

8. Jesprimi tħassib serju dwar il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, reliġjuż u storiku fin-Nagorno-Karabakh wara l-eżodu massiv tal-Armeni tan-Nagorno-Karabakh; iħeġġeġ lill-Azerbajġan iżomm lura milli jkompli jeqred, jittraskura jew ibiddel l-oriġini tal-wirt kulturali, reliġjuż jew storiku fir-reġjun, filwaqt li jżomm f'moħħu l-qerda tal-wirt kulturali, reliġjuża u storiku mill-bidu tal-kunflitt tan-Nagorno-Karabakh, u jistiednu sabiex minflok jistinka biex jippreserva, jipproteġi u jippromwovi din id-diversità rikka f'konformità mad-Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja Internazzjonali tas-7 ta' Diċembru 2021; jitlob il-protezzjoni tal-wirt kulturali, storiku u reliġjuż tal-Armenja fin-Nagorno-Karabakh f'konformità mal-istandards tal-UNESCO u l-impenji internazzjonali tal-Azerbajġan; jinsisti li l-Azerbajġan jippermetti missjoni tal-UNESCO fin-Nagorno-Karabakh u jipprovdilha l-aċċess meħtieġ għas-siti ta' patrimonju sabiex jistabbilixxi rekord tal-istat attwali tagħhom u jipproċedi b'inventarju;

9. Jitlob is-salvagwardja tal-proprjetà ta' dawk il-membri tal-komunità Armena li kienu mġiegħla jitilqu u jitlob lill-Azerbajġan jeħles u jimpenja ruħu għal amnestija wiesgħa għall-abitanti kollha tan-Nagorno-Karabakh li ġew arrestati mid-19 ta' Settembru 2023, inklużi eks uffiċjali mir-reġjun, u għall-oħrajn kollha li ġew arrestati qabel u wara d-19 ta' Settembru 2023;

10. Itenni l-kundanna tiegħu tal-inkursjonijiet militari tal-Azerbajġan fit-territorju rikonoxxut internazzjonalment tal-Armenja; itenni t-talba tiegħu li t-truppi tal-Azerbajġan jiġu rtirati mit-territorju sovran kollu tal-Armenja; jirrifjuta u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-dikjarazzjonijiet irredentisti u xewwiexa li għamel il-President tal-Azerbajġan kif ukoll uffiċjali oħra tal-Azerbajġan li jheddu l-integrità

territorjali u s-sovranità tal-Armenja, inklużi dawk b'rabta mal-"kuritur Zangezur"; iwissi lill-Ażerbajġan kontra kwalunkwe avventuriżmu militari potenzjali kontra l-Armenja nnifisha, u jitlob lit-Turkija trażżan lill-alleat tagħha l-Ażerbajġan milli jwettaq kwalunkwe azzjoni irresponsabbli bħal din; jikkundanna l-appoġġ ipprovdut matul din il-kriżi lill-Ażerbajġan minn pajjiżi oħra u jappella biex jintemm dan l-appoġġ sabiex tiġi pprevenuta eskalazzjoni ulterjuri; iwissi li issa l-Ażerbajġan x'aktarx se jqawwi qalbu minħabba n-nuqqas ta' sforzi serji ta' deterrenza mill-komunità internazzjonali;

11. Jappella biex isir rieżami komprensiv tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Ażerbajġan, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi reċenti u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tmur għall-agħar fil-pajjiż; jitlob lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra malajr is-"sħubija strateġika" mal-Ażerbajġan fis-settur tal-enerġija, fid-dawl tal-ksur ripetut min-naħa tal-Ażerbajġan tal-impenji internazzjonali tiegħu, inklużi l-impenji li ħa fit-taħditiet medjati mill-UE u d-dispożizzjonijiet vinkolanti previsti mid-dritt internazzjonali; jinnota li, fid-dawl tal-aggressjoni tal-Ażerbajġan kontra l-Armenja f'Settembru 2022 u tal-użu mhux ġustifikat tiegħu tal-forza kontra l-popolazzjoni tan-Nagorno-Karabakh u tal-ispostament furzat ta' din tal-aħħar f'Settembru 2023, kif ukoll tas-sitwazzjoni allarmanti tal-pajjiż f'dawk li huma drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp ta' tali "sħubija strateġika" huwa inkompatibbli mal-objettivi tal-politika estera tal-UE kif definiti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; huwa konvint bis-sħiħ li l-UE ma tistax taċċetta mil-lat morali li tinnegozja ftehim ta' sħubija futur ma' pajjiż li jikser b'mod sfaċċat il-prinċipji tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali tiegħu u għalhekk la hu sieħeb affidabbbli u lanqas sikur; iħeġġeġ għalhekk lir-Rappreżentant Għoli u lis-SEAE jissospendu n-negozjati għal ftehim ta' sħubija mġedded sakemm l-Ażerbajġan ma jkunx wera d-disponibbiltà reali tiegħu li jirrispetta t-tħassib fil-qasam tad-drittijiet u tas-sigurtà tal-popolazzjoni Armena tan-Nagorno-Karabakh; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, jekk l-Ażerbajġan ikompli jinjora l-impenji tiegħu, jikkunsidraw li jissospendu l-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viża mal-Ażerbajġan u jnaqqsu l-livell ta' kooperazzjoni mal-pajjiż f'oqsma oħra; huwa tal-fehma li l-kummenti u t-theddid tal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan indirizzati lejn l-MEPs, inkluż tal-Ambaxxatur tal-Ażerbajġan għall-UE huma inaċċettabbli;

12. Jappella biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-esportazzjonijiet tal-gass mill-Ażerbajġan; jinsab imħasseb bis-serjetà għall-importazzjonijiet ta' gass Russu min-naħa tal-Ażerbajġan u għas-sehem notevoli Russu fil-produzzjoni u fit-trasport ta' gass tal-Ażerbajġan għall-UE, li jikkontradixxi l-objettiv tal-UE li ddgħajjef il-kapaċità tar-Russja li tkompli l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, billi tnaqqsilha l-flus li ddaħħal mill-esportazzjonijiet ta' żejt u gass lejn l-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvestiga s-suspetti li l-Ażerbajġan fil-fatt jesporta l-gass Russu lejn l-UE; jappella biex jiġu sospiżi l-importazzjonijiet kollha taż-żejt u tal-gass mill-Ażerbajġan lejn l-UE fil-każ ta' aggressjoni militari kontra l-integrità territorjali Armena jew ta' attakki ibridi sinifikanti kontra l-ordni kostituzzjonali u l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Armenja;

13. Jikkundanna n-nuqqas ta' azzjoni tal-"forzi taż-żamma tal-paċi" Russi u r-rwol ġenerali tar-Russja, li għal għexieren ta' snin xprunat il-kunflitt u użatu għall-gwadanji politiċi tagħha stess;

14. Jikkundanna lill-President Tork Recep Tayyip Erdoğan talli sfrutta l-kunflitt armat fin-Nagorno-Karabakh biex jippromwovi aġenda imperjalistika u għall-inkoraġġiment ta' aktar attakki kontra s-sovranità tal-Armenja; iħeġġeġ lit-Turkija tieħu approċċ kostruttiv u responsabbli fir-rigward tal-integrità territorjali tal-Armenja u trawwem il-paċi fir-reġjun;

15. Ifaħħar lill-Prim Ministru tal-Armenja Nikol Pashinyan għall-impenn tiegħu għall-paċi; itenni l-impenn tal-UE li tappoġġja s-sovranità, id-demokrazija u l-integrità territorjali tal-Armenja; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi ibridi dejjem jiżdiedu tar-Russja biex tiddestabbilizza s-sitwazzjoni politika fl-Armenja; jilqa' r-ratifika tal-Armenja tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali; jemmen li l-UE jeħtiġilha taħtaf l-opportunità ta' vojt ġeopolitiku potenzjali, tipprovdi lill-Armenja bi pjan ambizzjuż għall-kooperazzjoni billi ttejjeb il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ attwali, filwaqt li tankra lill-Armenja b'mod aktar b'saħħtu fil-komunità tad-demokraziji tal-Punent u tgħinha tistabbilixxi relazzjonijiet mal-ġirien, b'mod partikolari mat-Turkija;

16. Jappella biex l-UE twieġeb b'mod favorevoli għat-talba tal-Armenja għal appoġġ permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi jekk l-Armenja terġa' tikkunsidra l-alleanzi militari attwali tagħha; jappella lill-UE biex iżżid b'mod sostanzjali l-assistenza umanitarja u finanzjarja tagħha lill-Armenja, li qed tiffaċċja l-wasla ta' għexieren ta' eluf ta' rifuġjati; jappella lill-UE, fid-dawl tat-tfixkil fl-edukazzjoni ta' eluf ta' Armeni etniċi, biex tgħin fl-istabbiliment u l-finanzjament ta' boroż ta' studju għall-istudenti li jkunu ġew evakwati sabiex ikunu jistgħu jkomplu bl-istudji tagħhom;

17. Itenni l-appoġġ tiegħu għas-sovranità u għall-integrità territorjali kemm tal-Ażerbajġan kif ukoll tal-Armenja; jitlob lill-Ażerbajġan jafferma mill-ġdid l-impenn inekwivoku tiegħu għall-integrità territorjali tal-Armenja; jemmen li djalogu ġenwin bejn l-Ażerbajġan, l-Armenja u r-rappreżentanti tal-Armeni tan-Nagorno-Karabakh huwa l-unika triq sostenibbli 'l quddiem u jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġjaw dawn l-isforzi; jappoġġja t-taħditiet ta' paċi li għaddejjin bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, li kienu imfixkla serjament mill-operazzjoni militari reċenti kontra n-Nagorno-Karabakh; jissotolinja l-ħtieġa ta' ftehim komprensiv ta' paċi bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan, li jrid jinkludi r-rikonoxximent reċiproku tal-integrità territorjali, jiggarantixxi d-drittijiet u s-sigurtà tal-popolazzjoni Armena tan-Nagorno-Karabakh u l-ħelsien tal-priġunieri; jenfasizza li paċi reġjonali dinjituża u dejjiema li żżomm is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali għaż-żewġ pajjiżi hija prerekwiżit għall-istabbiltà fil-viċinat;

18. Jitlob lill-missjoni ċivili tal-UE fl-Armenja (EUMA) biex timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tevolvi fil-prattika, tipprovdi rapportar trasparenti lill-Parlament u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-isforzi għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti; jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-mandat tal-EUMA, iżidu d-daqs tagħha, jestendu d-durata tagħha u jpoġġu wkoll osservaturi tul il-fruntiera mat-Turkija; jiddeplora l-fatt li l-Ażerbajġan qatt ma ppermetta li l-EUMA tiġi skjerata fit-territorju tiegħu u jitlob lill-Ażerbajġan jippermetti l-preżenza tal-EUMA fuq in-naħa tiegħu tal-fruntiera u fin-Nagorno-Karabakh;

19. Jesprimi nuqqas ta' sodisfazzjon kbir għall-fatt li twissijiet regolari mill-Parlament dwar is-sitwazzjoni fin-Nagorno-Karabakh u r-riskji ta' eżitu katastrofiku ġew injorati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill; jiddeplora l-fatt li l-azzjoni tal-UE s'issa ma ħalliet l-ebda riżultat pożittiv; jitlob li s-SEAE jqis mill-ġdid l-azzjoni tiegħu fil-Kawkasu tan-Nofsinhar u jissostitwixxi persunal dedikat; jiddispjaċih dwar kemm l-istituzzjonijiet tal-UE rreaġixxew bil-mod, billi r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rrilaxxa dikjarazzjoni jumejn biss wara li l-Ażerbajġan nieda l-attakk tiegħu kontra n-Nagorno-Karabakh;

20. Jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tagħha biex jivvalutaw mill-ġdid b'mod urġenti l-arkitettura diplomatika u ta' sigurtà tal-UE u l-konfigurazzjonijiet ġeopolitiċi fir-reġjun usa' tal-Kawkasu tan-Nofsinhar fid-dawl tal-fatti l-ġodda fuq il-post u l-interessi ta' pajjiżi bħar-Russja, it-Turkija u l-Iran, iżda wkoll jiżviluppaw strateġija b'reazzjoni għat-tendenza li qed tikber tar-reġimi awtokratiċi li jwarrbu l-isforzi diplomatiċi u minflok jużaw forza militari vjolenti;

21. Jiddeplora d-deċiżjoni tal-Gvern Ungeriż li jimblokka dikjarazzjoni konġunta tal-Istati Membri kollha tal-UE li tikkundanna l-operazzjoni militari mill-Ażerbajġan kontra l-popolazzjoni Armena tan-Nagorno-Karabakh; iħeġġeġ lill-Kunsill jingħaqad b'appoġġ favur l-UE billi jkollu involviment aktar attiv fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u fil-promozzjoni tal-paċi bejn l-Ażerbajġan u l-Armenja;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Armenja, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lin-NU u lill-Kunsill tal-Ewropa.